# ID-DAWL

FRAR 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 38

"U tassew Alla jinsab ma' dawk li jwettqu għemejjel tajba."



Id-Dehra Divina | It-Tħabrik fil-Ħajja | Il-Materjaliżmu | L-Għan tal-Ħiġab

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# ID-DEHRA DIVINA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Alla tagħna hu Dak li ħalaqna, li Hu Ħaj illum daqs li dejjem kien, Dak li jisma' u jitkellem, Dak li hu Ħanin. X'inhu dak li Alla jrid minna? Din il-ħaġa biss li aħna nkunu tiegħu biss; inħobbuh ħafna, dejjem inżommuh magħna u l-ewwel qabel kollox. Jekk aħna nkunu tiegħu, Hu żgur se jkun tagħna. Imma dak li għandu xi dubji dwaru hu ma jistax jarah. Dak li għandu x-xorti ħażina li jkun imċaħħad milli jara 'l Alla f'din id-dinja jkollu l-bokka tad-dlamijiet bħala d-destin tiegħu fil-Ħajja l-oħra. Alla jgħid: **"Dawk li huma għomja f'din id-dinja se jkunu għomja fil-Ħajja li jmiss."** (Il-Koran Imqaddes, 17:73)

Għalhekk, huwa importanti ħafna għall-bniedem biex dejjem jitlob lil Alla sabiex dejjem jibqa' fit-triq it-tajba. Fil-Koran Imqaddes aħna ġejna mgħallma t-talba: **"Mexxina fit-triq it-tajba, it-triq ta' dawk li berikt bil-grazzja tiegħek, mhux ta' dawk li ġabu l-għadab tiegħek, u lanqas tal-mitlufin."** Ammen.

## ID-DAWL

Frar 2021 – Numru 38 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

The Divine Appearance 02
Striving in the way of God 03
The Rise in Materialism 04
The Purpose of the Hijab 06
Unique way to start the year 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** IgorZh|Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IT-TĦABRIK FIL-ĦAJJA RELIĠJUŻA

Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes:

**"U lil dawk li jħabirku fil-mogħdija Tagħna — Żgur li se niggwidawhom fl-użanzi tagħna. U tassew Alla jinsab ma' dawk li jwettqu għemejjel tajba."** (29:70)

Dan il-vers jafferma ċar u tond li dawk in-nies li jagħmlu l-almu tagħhom biex isibu lil Alla u joqorbu Lejh, żgur li jkunu ggwidati minn Alla. Madanakollu, huwa importanti li dawn l-isforzi ma jkunux temporanji; anzi, irid ikun hemm tħabrik kostanti għall-mogħdija ta' Alla.

Is-suċċess jinkiseb f'din il-ħaġa meta wieħed jibqa' jipprova b'mod konsistenti u b'determinazzjoni, u fl-istess waqt iħares il-kmandamenti ta' Alla. Kull persuna għandha ħiliet u inklinazzjonijiet differenti u l-ordni hi li wieħed ifittex lil Alla skont il-kapaċità li jħaddan. Meta jsir sforz f'dan ir-rigward, Alla juri t-triq li twassal għal għandu. Madanakollu, jekk jinfilzaw ħsibijiet egoistiċi u skużi, u sforzi minimi jitqiesu bħala 'tħabrik', mela l-bniedem ma jilħaqx lil Alla.

Wieħed li hu traskurat u għażżien ma jistax jikseb l-istess grad ta' grazzja Divina daqs wieħed li jagħmel ħiltu kollha u huwa sinċier fit-tfittxija għal Alla. Alla ma ħalliex lill-bniedem fid-dlam fejn tidħol din it-tfittxija. Alla juri wkoll is-sinjali bis-saħħa tal-Profeti Tiegħu biex jagħti prova tal-eżistenza Tiegħu.

Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li nsegwu t-triqat u l-mezzi kollha biex niksbu l-qrubija Divina u li ningħaddu ma' dawk li f'għajnejn Alla **'jwettqu għemejjel tajba'**, u ma' dawk li verament iħobbu 'l Alla.

# IŻ-ŻIEDA FIL-MATERJALIŻMU

Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

Feġġew Profeti u Messaġġiera bla għadd fid-dinja, u ħadmu u stinkaw bla waqfien biex jistabbilixxu l-Uniċità ta' Alla, iżda llum velu iswed qiegħed jgħattiha. Aktar minn hekk, in-nies waqgħu vittma ta' forom differenti ta' politeiżmu (adorazzjoni ta' aktar minn alla wieħed).

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla kollha fuqu, amar biex dak li jkun ma jorbotx qalbu mad-dinja, iżda llum, l-imħabba għall-materjaliżmu tiddomina f'kull qalb u kulħadd donnu mitluf f'din it-tip ta' mħabba. Meta mitlubin, xi wħud ikunu kontra li jwettqu mank farka xogħol favur ir-reliġjon, ma jkunux iridu jikkommettu ruħhom u jibdew jivvintaw eluf ta' skużi.

Kull forma ta' mġiba ħażina u immorali titqies bħala permissibbli u kull trasgressjoni possibbli titwettaq sfaċċatament. Ir-reliġjon saret fatalment dgħajfa u qiegħda hemm bla tama ta' għajnuna bħal tifel orfni.

F'dan l-istat, kieku l-Iżlam ma ġiex megħjun u ngħata s-sapport, meta kien se jaffaċċja dawn iċ-ċirkostanzi li taw raġuni għall-għajnuna li ngħata? L-Iżlam baqa' biss tal-isem. Kieku bħalissa mhux qed jiġi protett, kieku bla dubju jispiċċa fix-xejn.

Jien nistqarr sinċerament li huwa minħabba n-nuqqas ta' għarfien li titqanqal il-mistoqsija jekk hemmx differenza bejn il-komunità tagħna u Musulmani oħra. Kieku teżisti biss din il-kwistjoni, xi bżonn ikun hemm għal dan l-isforz u għaliex għandha tiġi stabbilita komunità sħiħa?


Ra2 studio | Shutterstock

Jien konxju mill-fatt li Alla l-Omnipotenti ddikjara kemm-il darba li waqa' d-dlam u xejn ma baqa' jidher. L-Uniċità ta' Alla li darba kienet il-kuruna tagħna u l-kobor tal-Iżlam issa saret biss kliem fieragħ. Fl-istess ħin għad hemm xi wħud li verament jipprofessaw l-Uniċità ta' Alla f'termini ta' prattika u twemmin.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] widdeb biex wieħed ma jħobbx daqstant lid-dinja, iżda llum kull qalb hija maħkuma minn din l-imħabba. Ir-Reliġjon saret bla saħħa donnha kienet orfni.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, qal ċar u tond:

**"L-imħabba għad-dinja hija l-kawża prinċipali tal-ħażen kollu."**[(i)]

[(i)] Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Ruhani Khazain* V. 20, pp. 475-476

# L-GĦAN TAL-ĦIĠAB

## Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat

Kliem bħal liberaliżmu u moderniżmu jiddefinixxu s-soċjetà tal-lum. Jidher li l-mod tal-għajxien tagħna tant għamel progress li l-għata bħall-Ħiġab jew l-ilbies modest m'għadhomx jitqiesu bħala neċessarji. Wara l-insegwiment tad-dibattiti dwar il-projbizzjoni tal-Burka u tal-Ħiġab f'postijiet pubbliċi, dejjem titqanqal il-mistoqsija dwar ir-rilevanza tal-Ħiġab. Is-soċjetà tqis il-Ħiġab bħala restrizzjoni mpoġġija fuq in-nisa Musulmani. Naturalment, tfeġġ il-mistoqsija: **X'inhu l-għan vera tal-Ħiġab?**

Alla jordna fil-Koran Imqaddes:

> **"U għidu lil dawk in-nisa li jemmnu biex jieħdu ħsieb id-dehriet tagħhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom u li ma jurux il-ġmiel tagħhom jew it-tiżjin tagħhom ħlief dak li hu ovvju, u li jagħmlu l-għata ta' rashom fuq sidirhom..."** (24:32)

Bl-istess mod, Alla jordna lill-irġiel biex ibaxxu ħarsithom. Alla l-Omnipotenti jistqarr:

> **"Għidu lil dawk l-irġiel li jemmnu biex jikkontrollaw għajnejhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom. Dan jagħmilhom aktar safja. Tassew, Alla jagħraf sew x'jagħmlu."** (24:31)

It-tbaxxija tal-għajnejn u s-satra tal-ġmiel jipprovdu saff protettiv fis-soċjetà. Jekk jiġu segwiti sewwa, dan jgħin lill-irġiel u lin-nisa biex jitħarrku liberament b'mod dinjituż fis-soċjetà u jipprovdilhom opportunitajiet rispettużi u ugwali biex iħabirku għall-progress tagħhom stess.


Lenar Musin | Shutterstock

Hija idea komuni żbaljata qalb in-nies li n-nisa huma limitati għax jilbsu l-Ħiġab. Fil-verità, il-Ħiġab tal-mara ma joħolqilha l-ebda ostaklu biex hi tkompli l-istudji u l-karriera tagħha. Il-Ħiġab tal-mara huwa l-protezzjoni tagħha, il-ħellies tagħha. Jippermettilha li teċċella f'konformità mal-kmandamenti ta' Alla.

Hemm tant nisa Musulmani tobba, infermiera, avukati u għalliema li jilbsu l-Ħiġab. Allura kif wieħed jista' jassumi li l-Ħiġab joħloq restrizzjoni għall-mara. Il-Ħiġab ma joħloq l-ebda ostaklu għan-nisa. Jipproteġihom mill-ħażen tas-soċjetà, fejn in-nisa jitqiesu li huma aċċessibbli faċilment għall-irġiel. L-għan tal-Ħiġab kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa huwa li jħarishom mill-ħażen li naraw fis-soċjetà tal-lum, bħaż-żina, l-adulterju, tfal barra ż-żwieġ, abort, eċċ. Meta wieħed jaħseb fil-fond, kieku kellna nsegwu l-kmandi ta' Alla, konna naraw dawn il-kwistjonijiet imqanqla pereżempju mill-moviment *#MeToo* jew manifestazzjonijiet pubbliċi kostanti ta' żwiġijiet imfarrka? Għaldaqstant, huwa importanti li nirriflettu jekk dawn l-ordnijiet humiex ostaklu għalina jew inkella mezz biex jipproteġuna. Jekk wieħed iħares lejn din il-kwistjoni b'mod razzjonali, wieħed jintebaħ li l-Ħiġab mhu xejn ħlief benefiċċju għas-soċjetà tagħna u jippromwovi d-dinjità, l-iżvilupp, il-prosperità u l-paċi ġewwiena tal-individwu.

# MOD UNIKU BIEX TIBDA S-SENA L-ĠDIDA




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta bdiet is-Sena l-Ġdida 2021 billi taqdi lill-umanità. Fl-1 ta' Jannar 2021 id-Dar tal-Providenza organizzat il-Festa ta' Ġenerożità 2021 għall-ġbir ta' fondi.

Matul din il-maratona ta' 12-il siegħa, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana pprovdiet ikel lill-mistednin, lill-membri tal-istaff u l-voluntiera kollha li kienu qed jaħdmu fuq dan l-avveniment tal-karità. Il-membri tal-Komunità Ahmadiyya b'dedikazzjoni u passjoni kbira servew ikel matul din il-maratona. Barra minn hekk, il-membri tal-Komunità Ahmadiyya għenu wkoll fit-tmexxija ta' intervisti u fit-tweġibiet tat-telefonati u baqgħu preżenti hemmhekk sat-tmiem ta' din il-maratona li ntemmet f'nofsillejl.





**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**